

Lulju 2018 — Ħarġa 312

# Holqa Bejnietna

## Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn

Maħruġ mill-Kunsill Pastorali Parrokkjali



Il-Kelma tal-Kappillan

## Sant'Anna tagħmlilna l-qalb u timxi magħna

Fl-Iskrittura Mqaddsa nsibu l-Ittra lil-Lhud li ssemmi bosta xhieda; bħal Abraham, Sara, Mosè u Gidgħon; li jagħmlulna l-qalb biex "nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna" (12:1). Dan il-vers jurina li aħna mistednin nagħrfu li "għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda" li jħeġġuna nissoktaw mexjin lejn id-destinazzjoni tagħna, il-ġenna ħdejn il-Mulej.

**Sant'Anna tagħmlilna l-qalb**

Kuljum, il-Mulej isaqqi l-fidi tagħna fiH sabiex bħal Sant'Anna aħna wkoll inwieġbu bil-qalb u bil-ferħ is-sejħa li nħobbuh. Il-fidi hija t-twemmin tagħna f'Alla li jagħti l-ħajja u li kuljum bis-saħħa tagħna qed iġedded il-ħolqien tiegħu sabiex ngħixu f'ambjent ta' paċi u sliem.

Meta nħarsu lejn il-ħajja ta' Sant'Anna u San Ġwakkin naraw li mhux kollox ġiehom ward u żahar, l-aktar quddiem l-isfidi tal-familja. Matul ix-xahar ta' Lulju, aħna u niċċelebraw il-festa parrokkjali tagħna ejjew inħallu lil Sant'Anna tagħmlilna l-qalb sabiex quddiem l-esperjenzi tal-ħajja tagħna ma nitfixklux u ma nabbandunawx lil Alla. Anzi nitolbuha timxi magħna fit-triq sabiex flimkien nikbru fil-fidi, fl-imħabba u fis-solidarjetà.

**Sant'Anna timxi magħna**

Il-ħajja hija mixja lejn id-destinazzjoni tagħna li hija d-Dar tal-Missier. Ix-xewqa ta' Sant'Anna hi li aħna nwettqu bil-ferħ il-missjoni li qed jafdalna f'idejna n-neputi tagħha Ġesù. Ma ninsewx li bħalha aħna msejħin biex inkunu qaddisin, kulħadd skont il-vokazzjoni tiegħu. Sant'Anna tfakkarna li l-Ispirtu s-Santu jagħtina l-ħajja u jgħinna nkunu strumenti ta' paċi fil-familji u fis-soċjetà tagħna. Flimkien ma' Sant'Anna ejjew inkomplu nimxu wara r-Ragħaj it-Tajjeb u niltaqgħu miegħu fil-knisja f' dawn il-ġranet ta' festa fir-raħal tagħna.

Nirringrazzja mill-qalb lil kulħadd għas-sagrifiċċji kollha li tagħmlu għall-ġid tal-festa. Nistedinkom sabiex tieħdu sehem b'mod sħiħ f'dak li huwa reliġjuż, għax il-festa tagħna hija festa reliġjuża. Inħeġġu lil xulxin sabiex inkomplu nappoġġaw l-attivitajiet organizzati minna. Sant'Anna tħarisna fil-mixja tagħna wara Ġesù u fil-ħidma tagħna. Alla jberikna.

Kunu mberkin
Dun Roderick
Kappillan





# Appostli Franġiskani ta' Ġesù u Marija

Ray Brincat, Chris Bugeja

## "Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom."

Ġw13:35

Meta tara film sabiħ li jolqtok jew tixtri xi libsa ġdida ma toqgħodx kwiet sakemm taqsam mal-ħbieb tiegħek dak li tkun rajt jew akkwistajt. Hi fin-natural tagħna li ċertu esperjenzi qawwija ma nżommuhomx għalina imma naqsmuhom ma' ħaddieħor. Hekk għamlu l-appostli dakinhar ta' Pentekoste meta ħarġu minn fejn kienu biex jaqsmu l-esperjenza tagħhom u jxandru l-aħbar it-tajba li Ġesù miet u qam mil-mewt! Din hi l-missjoni tal-Knisja, li tati din l-aħbar it-tajba, li twassal lil Ġesù, it-tama tagħna. Hekk irid jiġrilu n-Nisrani li jkun iltaqa' mal-persuna ta' Ġesù Kristu. Din hi l-evanġelizzazjoni.

Ġewwa l-parroċċa ta' Wied il-Għajn, permezz tal-kummisjoni djakonija, issir ħidma bla heda biex b'mod konkret twassal din l-imħabba mal-familji Skalin. Matul ix-xahar ta' Mejju, il-kummisjoni xtaqet takkumpanja b'mod iktar mil-qrib l-aspett spiritwali ta' dawn il-familji li diġa qed tgħin, billi bagħtet lilna bħala komunità f'dawn il-familji.

Hawn stajna nmissu l-ferħ u t-tbatija li toffri l-ħajja ta' dawn il-familji; ta' dawn ħutna li ħafna drabi jkunu f'xi tip ta' diffikultà. Tkellimna flimkien u sirna nafu lil xulxin Ma bqajniex barranin għal xulxin iżda sirna ħbieb. Din il-ħbiberija saret il-bażi ta' mħabba reċiproka bejnietna.

Smajna lill xulxin u hekk dak li jkun seta' jaqsam ma xi ħadd it-toqol tal-ħajja. Dan fih innifsu diġa hu fejqan. Apparti dan, xi kliem ta' ġid u nkoraġġiment ma naqsux. Kien hemm mumenti fejn żorna wkoll familji li ma jħaddnux l-fidi Kattolika. Il-Knisja Kattolika tipprova tgħin lil kulħadd bħalma għamel l-Imgħallem Tagħha Ġesù .

Fl-aħħar dejjem irrikmandajna s-sitwazzjoni ta' dawn ħutna f'idejn Alla li jista' kollox billi tlabna flimkien u wiegħednihom li se nibqgħu nitolbu għalihom.

Kienet opportunità sabiħa għalina li ngħixu dawn il-mumenti li fihom stajna nsaħħu l-fidi tagħna, nkomplu ngħaqdu l-komunità ta' Wied il-Għajn, u nagħtu glorja lill Alla, li minnu tiġi kull barka u sliem.





# Letter from St Anne

Dr Sara Portelli

## My dearest grandchildren, peace be with you!

It was by God's grace that my daughter Mary became mother of God. Under the cross her motherhood was extended to all by the word of Jesus Christ. She has to carry in her bosom all the children of God. I, as the first grandmother of Jesus, had to become the grandmother of all the children confided to Mary.

You are dear to me, as Jesus is dear to me. As a dutiful grandmother not only intercede for you but also wish to guide you in the right path, the path of life and life in abundance. My dearest grandchildren, protect and defend your families. Take time with your children and give yourselves to them more than anything else. Love the little ones from the very first moments of conception, for they are truly dignified made in the image of God. They are not objects to be frozen and used at whim but my beloved grandchildren, of whose cries I hear before they are even born. A child is the greatest of gifts, not a competitor, an intrusion or an inconvenience. Anything that destroys God's gift of motherhood destroys His most precious gift to women – the ability to love as a woman. Be humble like my daughter Mary, so that you can be holy like Jesus.



# Mill-Ħajja tal-Parroċċa - Lulju 2018

| | | |
|---|---|---|
| **1** | **Il-Ħadd** | **It-13-il Ħadd ta' Matul is-Sena.**<br>Nifirħu u nitolbu għal Dun Luke Cutajar f'għeluq ir-raba' sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. |
| 2 | It-Tnejn | Fis-7.00pm Quddiesa Solenni b'radd il-ħajr għad-don tal-Ordinazzjoni Saċerdotali ta' Patri Kurt Mizzi, O.Carm. |
| **8** | **Il-Ħadd** | **L-14-il Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 10 | It-Tlieta | Fis-7.30pm Quddiesa bi tħejjija għall-festa fi Pjazza Charles Clews in-naħa tal-Gidwet. |
| 13 | Il-Ġimgħa | Fit-8:00pm Ċelebrazzjoni u Adorazzjoni bi tħejjija għall-festa fuq is-Simenta minn Fr Hayden Williams u l-Appostli Franġiskani |
| 14 | Is-Sibt | Fil-5.15pm Quddiesa bis-Sagrament tal-Magħmudija. |
| **15** | **Il-Ħadd** | **Il-15-il Ħadd ta' Matul is-Sena.** |
| 16 | It-Tnejn | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina wara l-Quddiesa tas-6.30pm. |
| 17 | It-Tlieta | Fis-7.30pm Quddiesa bi tħejjija għall-festa fi Triq il-Gross in-naħa ta' Bellavista. |
| 19 | Il-Ħamis | Fis-7.30pm Quddiesa bi tħejjija għall-festa fi Pjazza Antoine Randich, in-naħa taż-Żonqor. |
| 20 | Il-Ġimgħa | Nifirħu u nitolbu għal Dun Victor Agius f'għeluq l-erbgħa u erbgħin sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu.<br>Fis-6.30pm Quddiesa mill-Arċipriet tal-Isla l-Kan. Dun Robin Camilleri u Adorazzjoni animata mill-Kummissjoni Liturġija bi tħejjija għall-festa. |

**Bejn it-22 u d-29 ta' Lulju 2018**
**niċċelebraw il-Festa Parrokkjali tagħna.**
**Jekk jogħġobkom insegwu l-programm tal-festa**
**mill-paġni tan-nofs tal-ktieb tal-festa Ħolqa Bejnietna.**

## Il-Festa t-Tajba lil kulħadd.

**Min jixtieq li nhar ta' Sibt jirċievi l-Avviżi tal-Parroċċa b'mod elettroniku, kull ma jrid jagħmel hu li jibgħat 'email' fuq parish.marsaskala@gmail.com. Grazzi.**